

III

(Avviżi)

KUNSILL

**SEJĦA PUBBLIKA GĦAL APPLIKAZZJONIJIET GĦALL-ĦATRA TA' MĦALLFIN TAT-
TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU TA' L-UNJONI EWROPEA**

(2005/C 47 A/01)

1. L-Artikolu 225a tat-Trattat tal-Komunitajiet Ewropej u l-Artikolu 140b tat-Trattat tal-KEEA jagħtu s-setgħa lill-Kunsill li joħloq "awli ġurisdizzjonali biex jieħdu konjizzjoni fil-Prim' Istanza ta' xi kategoriji ta' rikorsi magħmula dwar oqsma speċifiċi".

B'applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattati, il-Kunsill iddeċieda, bid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom tat-2 ta' Novembru 2004 ⁽¹⁾, li jistabbilixxi t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ta' l-Unjoni Ewropea. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li għandu jkun magħhud mal-Qorti tal-Prim' Istanza tal-Komunitajiet Ewropej u jkollu l-kwartieri ġenerali tiegħu fil-Qorti tal-Prim' Istanza, ikollu l-ġurisdizzjoni ta' prim' istanza fi kwistjonijiet bejn il-Komunitajiet u l-persunal tagħhom bis-saħħa ta' l-Artikolu 236 tat-Trattat tal-KE u l-Artikolu 152 tat-Trattat tal-KEEA, inklużi kwisjonijiet bejn il-korpi jew l-aġenziji kollha u l-persunal tagħhom fir-rigward ta' liema l-ġurisdizzjoni hija konferita lill-Qorti tal-Ġustizzja.

2. It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku huwa kompost minn seba' mħallfin, li minnhom għandu jingħażel il-president. Il-mandat tagħhom huwa ta' sitt snin; Dan jista' jiġġedded.

L-imħallfin jinħatru mill-Kunsill li jaġixxi unanimament, wara konsulta mal-kumitat ta' seba' persuni magħżula minn fost ex-membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti tal-Prim' Istanza u avukati ta' kompetenza rikonoxxuta. Il-kumitat jagħti l-opinjoni tiegħu dwar jekk il-kandidati humiex adattati biex iwettqu d-dmirijiet ta' mhallf fit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Il-kumitat jehmeż ma' l-opinjoni tiegħu lista ta' kandidati li għandhom l-esperjenza ta' livell għoli l-aktar adattata. Il-lista għandu jkun fiha numru ta' persuni ta' mill-inqas id-doppju ta' daqs kemm għandhom jinħatru mħallfin.

3. Il-mandat u l-kondizzjonijiet ġenerali għat-twettiq tad-dmirijiet ta' mhallf huma determinati mill-Artikolu 5 ta' l-Anness I tal-protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif emendat mid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom. Ir-rimunerazzjoni, il-pensjonijiet u l-allowances għall-imħallfin huma stabbiliti mir-Regolament (KE, Euratom) Nru. 202/2005 tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2005, li jemenda r-Regolament Nru 422/67/KEE, Nru. 5/67/Euratom li jiddetermina l-emolumenti tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni, il-President, l-Imħallfin, l-Avukati Ġenerali u r-Registatur tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-President, il-Membri u r-Registatur tal-Qorti tal-Prim' Istanza ⁽²⁾.
4. B'dan qed issir sejħa għal applikazzjonijiet bil-ħsieb li jinħatru seba' mħallfin.

⁽¹⁾ ĠU L 333 tad-9.11.2004, p. 7.

⁽²⁾ ĠU L 33 tal-5.2.2005, p. 1.

5. Jidher mid-dispożizzjonijiet kombinati ta' l-Artikoli 225a tat-Trattat tal-KE u 140b tat-Trattat tal-KEEA kif ukoll ta' l-Artikolu 3 ta' l-Anness I għall-protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, kif emendat mid-Deċiżjoni 2004/752/KE, Euratom li l-kandidati għad-dmirijiet ta' mħallef jeħtieġu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- joffru l-garanziji kollha ta' indipendenza,
- ikollhom il-kapaċità meħtieġa għal ħatra fuffiċċju ġudizzjarju,
- ikunu ċittadini ta' l-Unjoni.

Qed tinġibed l-attenzjoni tal-kandidati għall-fatt li minbarra dawk il-kondizzjonijiet minimi, il-kumitat imsemmi hawn fuq ser jitalab iqis b'mod partikolari l-kapaċità tal-kandidati li jaħdmu fi struttura kolleġjali f'ambjent multinazzjonali u multilingwistiku, kif ukoll in-natura, l-importanza u t-tul ta' l-esperjenza tagħhom li tgħodd għad-dmirijiet li għandhom iwettqu.

6. Ma' l-applikazzjonijiet għandhu jinhemeż curriculum vitae u ittra li tiddikjara r-raġunijiet li jsostnu l-applikazzjoni, kif ukoll kopji tad-dokumenti ta' sostenn.

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu f' dan l-indirizz:

Secrétariat général du Conseil de l'Union européenne
Appel à candidatures pour le Tribunal de la fonction publique -
Bureau JL 20 40 GM 23
Rue de la Loi, 175
B-1048 Bruxelles

L-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu **b'ittra reġistrata biss, sa mhux aktar tard mid-15 ta' April 2005** (bit-timbru tal-posta jitqies bħala prova).
